MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 163/2006/1

**Bettina Vossberg f'isimha personali
kif ukoll f'isem uliedha minuri
Maximilian u Alexander ahwa Vossberg**

**v.**

**Equinox International Limited u
Dr Renzo Porsella Flores u l-PL Hilda Ellul Mercer
nominati b'digriet tat-22 ta' Marzu 2006
bhala kuraturi sabiex jirraprezentaw l-interessi ta'
Andreas W. Gerdes assenti minn-Malta u b'digriet tal-4 ta' Mejju 2007
Mireille Pace Ross assumiet l-atti
ghan-nom tal-konvenut Andreas W. Gerdes**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici fl-1 ta' Marzu, 2006, li jaqra hekk:
"1. Peress illi permezz ta' att t'akkwist fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (1995) (l-att), il-konvenut Andreas W. Gerdes xtara u akkwista l-fond ossija l-villa bl-isem «Villa Margerita», minghajr numru stradali ufficjali, flimkien mal-gonna annessi maghha, liema villa u gonna jinsabu fi Triq Tas-Silg, limiti ta' Marsaxlokk u liema villa hija mibnija fuq porzjoni art denominata bhala «Tal-Imtamar», u li hija tal-kejl ta' cirka tlett elef erba' mija u ghaxar metri kwadri (3,410mk) kif indikata bl-ahmar fuq pjanta li giet annessa ma' l-att, liema villa hija konfinanti mit-tramuntana ma' Triq Tas-Silg, mill-Punent ma' Sqaq Mtamar, u minn nofsinhar ma' beni ta' Charles Cassar jew avventi kawza u dan kif jidher minn kopja ta' l-istess att hawn annessa u mmarkata bhala Dok.'A';

"2. Peress illi l-attrici Bettina Vossberg u l-konvenut Andreas W. Gerdes izzewgu fl-4 t'Ottubru, 1996 u kellhom zewg subien, Maximilian (li twieled nhar il-25 t'Ottubru 1995) u Alexander (li twieled nhar is-6 ta' Jannar 2000), izda llum huma separati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li lahqu ftehim ta' separazzjoni personali permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool datat 22 t'Awwissu 2002 (kopja tieghu annessa u markata bhala Dok. 'B');

"3. Peress illi l-konvenut Andreas W. Gerdes obbliga ruhhu li jhallas il-manteniment lill-attrici kemm personalment kif ukoll f'isem iz-zewgt uliedhom minuri hawn fuq imsemmija ai termini ta' l-artikoli numri 2(d)(i) sa 2(d)(iv) u numru 3 ta' l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni personali, kif ukoll obbliga ruhu li jipprovdi hlas mensili f'fond pensjonistiku kostitwit favur ir-rikorrenti Bettina Vossberg skond l-artikolu 7 tal-kuntratt ta' separazzjoni personali hawn fuq imsemmi;

“4. Peress illi minkejja tali assunzjoni ta’ obbligi ta’ hlas ta’ manteniment lill-attrici *proprio et nomine*, il-konvenut Andreas W. Gerdes naqas ripetutament milli jhallas tali manteniment b’mod li r-rikorrenti kienet kostretta tistitwixxi proceduri penali kontra tieghu minhabba tali nuqqas u meta l-istess Gerdes hallas kien biss wara li kienu nfethu tali proceduri kontra tieghu;

“5. Illi issa pero’ Andreas W. Gerdes ilu ma jhallas il-manteniment dovut minnu sa mill-iskadenza t’Awwissu 2004 sal-gurnata tal-lum minkejja d-dispozizzjonijet tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali numri 2(d)(i) sa 2(d)(iv) u numru 3 tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali, kif ukoll naqas milli jipproduci prova inekwivoka li qed jaderixxi mat-termini ta’ l-artikolu 7 ta’ l-istess kuntratt;

“6. Peress illi minhabba tali nuqqas, ir-rikorrenti ghandha kreditu kontra Andreas W. Gerdes konsistenti f’arretrati ta’ manteniment li ghad irid jithallas u danni ohrajn mitluba mir-rikorrenti fl-ammont ta’ tlett mija, erbgha u sittin elf Liri Maltin (Lm364,000) jew somma aktar verjuri u li qed tintalab permezz ta’ talba rikonvenzjonali fil-kawza fl-ismijiet «Andreas W. Gerdes vs Bettina Vossberg» citazzjoni numru 375/2004 RCP;

“7. Peress illi in konsegwenza ghal tali nuqqas ta’ hlas ta’ manteniment, ir-rikorrenti kienet kostretta wkoll sabiex titlob li jittiehdu proceduri kriminali kontra ta’ Andreas W. Gerdes. Fil-fatt, dawn il-proceduri nbdew f’Dicembru 2004 u ntemmu billi in forza ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-procedura fl-ismijiet: «The Police vs Andreas Gerdes» deciza nhar l-4 t’Ottubru 2005, l-istess Andreas W. Gerdes gie misjub hati li naqas milli jissomministra r-retta alimentarja dovuta minnu lil martu u lil uliedu ghall-perjodu msemmi fl-istess sentenza (kopja ta’ liema sentenza qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ‘C’);

“8. Peress illi sadattant, Andreas W. Gerdes, filwaqt li kien ben kmonsapevoli ta’ tali proceduri penali stitwiti kontra tieghu minn martu Bettina Vossberg *proprio et nomine*, huwa kompla bl-attivitajiet kumercjali tieghu barra

minn Malta, u b'mod partikolari fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u permezz ta' skrittura privata datata 28 ta' Frar 2005 huwa kkostitwixxa f'Malta *trust* bl-isem ta' «Phoenix Trust» u hatar lis-socjeta' ntimata Equinox International Limited bhala «Original Trustee»;

"9. Peress illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo datat 28 t'April 2005 (kopja tieghu annessa u mmarkata bhala Dok. 'D') l-intimat Andreas W. Gerdes, fil-kwalita' tieghu ta' «Settlor» iddispona minn din il-«Villa Margerita» f'Tas-Silg, Marsaxlokk ossija l-uniku assi mmobbli tieghu f'Malta billi trasferixxa ossija ikkostitwixxa «*settlement of additional property in trust*» ta' l-istess fond lis-socjeta' ntimata Equinox International Limited ta' (Level 2, Valletta Buildings, South Street, Valletta) u ghalhekk din il-proprjeta' mmobbli giet allura nkluza bhala formanti parti mill-assi tal-«Phoenix Trust» u giet imnehhija mill-patrimonju ta' l-istess Andreas W. Gerdes;

"10. Illi Andreas W. Gerdes huwa ben konsapevoli mill-fatt li;

"(a) dan il-fond «Villa Margerita» huwa l-uniku assi ta' certu valur rilevanti li huwa jippossjedi f'Malta;

"(b) r-rikorrenti ghandha l-kreditu ta' manteniment vantat minnha *proprio et nomine*;

"(c) kien hemm proceduri penali li kienu korrenti kontra tieghu minhabba n-nuqqas ta' hlas ta' manteniment dovut lir-rikorrenti *proprio et nomine* fiz-zmien ta' meta ddispona mill-assi mmobbiljari hawn fuq imsemmi;

"(d) minkejja diversi laqghat ta' diskussjoni fejn kienu saru tentattivi sabiex tinstab soluzzjoni ghall-mod ta' kif il-konvenut Gerdes kellu jhallas il-manteniment tar-rikorrenti *proprio et nomine* (ghal liema laqgha kienu prezenti kemm il-konvenut Gerdes kif ukoll wiehed mid-diretturi ta' Equinox International Limited (cioe' l-Avukat Dr. Louis De Gabriele);

“u nonostante dan, b’intenzjoni cara u inekwivoka li jippregudika lir-rikorrenti *proprio et nomine* mid-drittijiet taghha fil-konfront tieghu, fil-kwalita’ ta’ «Settlor», iddispona mill-imsemmija Villa Margerita a favur tal-«Phoenix Trust» li taghha s-socjeta’ konvenuta Equinox International Limited hija «Trustee»;

“11. Illi tali trasferiment hawn fuq imsemmi gie maghmul minn Andreas W. Gerdes bi frodi ghad-drittijiet ta’ l-esponenti u wliedha stante li, bil-mod kif sar, u fiz-zmien li sar fih, jidher bic-car li sar bil- hsieb specifiku li jnezza lilu nnifsu mill-uniku assi mmobbli li jippossjedi f’Malta biex b’hekk icahhad lir-rikorrenti u lil uliedha mill-garanzija patrimonjali gia’ ezistenti favur taghhom u li kienet intrinsika minn dan l-uniku assi mmobbli tal-konvenut Gerdes f’Malta u ghalhekk tali disponiment ta’ assi mmobbli mill-konvenut Gerdes huwa null u bla effett fid-dritt. In definittiva, mhux biss telaq minn Malta ghal zmien indefinit, mhux biss halla lil martu u lil uliedu bla manteniment, izda sa fl-ahhar iddispona minn dan l-assi sabiex jassikura li martu u wliedu jibqghu lampa stampa;

“12. Illi oltre minn hekk l-istess att ta’ «*settlement of additional property in trust*» hawn fuq imsemmi, fih ukoll diversi rregolaritajiet fosthom il-valutazzjoni msemmija tal-villa (fl-ammont ta’ Lm105,000) liema valur huwa dak moghti fil-kuntratt ta’ l-akkwist ta’ l-imsemmija villa fl-1995, u ghalhekk huwa evidenti l-valur ta’ l-istess villa illum il-gurnata huwa ferm eqreb ic-cifra ta’ Lm500,000);

“13. Illi inoltre, ma jissemma xejn fil-kuntratt ta’ «*settlement of additional property in trust*» (datat 28 t’April 2005) li Andreas W. Gerdes u Bettina Vossberg huma legalment separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali datat 22 t’Awwissu 2002 hawn fuq imsemmi; illi minflok (b’riskju serju li terzi persuni *in buona fede* jigu totalment sgwidati) jissemma biss li bejn Andreas W. Gerdes u Bettina Vossberg jezisti r-regim tas-separazzjoni ta’ l-assi regolat b’kuntratt tat-3 ta’ Settembru 1996 (cioe’ kuntratt antecedenti ghaz-zwieg; ghas-separazzjoni personali u ma jissemma xejn li dil-koppja hija legalment separata);

“14. Illi inoltre, l-istess Villa Margerita, li llum ghandha valur fuq is-suq miftuh li jizboq il-Lm500,000, giet trasferita lis-socjeta’ ntimata, in kwantu «*settled in trust*», minghajr hlas t’ebda korrispettiv!;

“15. Illi inoltre, Bettina Vossberg kienet eskluza minn kull negozjat li seta’ sar bejn Andreas W. Gerdes u s-socjeta’ ntimata Equinox International Limited fir-rigward tat-trasferiment tad-drittijiet ta’ Andreas W. Gerdes fir-rigward tal-Villa Margerita. U huwa ghalhekk ukoll li l-esponenti ttenni li l-manuvra li biha Gerdes trasferixxa d-drittijiet proprjetarji tieghu lis-socjeta’ ntimata kienet manuvra mahduma minn wara darha, b’qerq ghad-detriment taghha u ta’ wliedha fi zmien fejn l-istess Andreas W. Gerdes kien konsapevoli kemm bis-sahha tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali ffirmat minnu kif ukoll bis-sahha tal-proceduri kriminali kontra tieghu minhabba nuqqas ta’ hlas ta’ manteniment;

“16. Illi ghalhekk jirrizulta car li l-«Phoenix Trust» li gie kostitwit minn Andreas W. Gerdes qed jigi wzat minnu bhala tarka b’mod li meta jkun jaqbillu jittanta jinheba wara dan it-*Trust* sabiex jahrab mid-dmirijiet tieghu lejn martu u wliedu filwaqt li s-socjeta’ ntimata qed tigi wzata minn Andreas W. Gerdes bhala l-«*lunga manus*» tieghu b’mod li t-trasferiment tal-«Villa Margerita» huwa l-prova cara ta’ dawn il-manuvri li saru biss ghad-detriment ta’ l-istess Bettina Vossberg u wliedha;

“17. Illi inoltre jirrizulta lill-esponenti li Andreas W. Gerdes huwa mhux biss «*Settlor*» ta’ din il-Phoenix Trust izda huwa wkoll direttament jew ndirettament beneficcarju taghha stante li huwa *ex admissis* iddikjara li zamm il-fond *de quo* bhala r-residenza tieghu f’Malta, meta jkun prezenti f’dal-pajjiz!;

“18. Illi ghalhekk f’dan il-kaz jistghu l-elementi kollha ghall-ezercizzju ta’ l-azzjoni pawljana u cioe’, l-«*eventus danni*» u l-«*consilium fraudis*», kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smigh tal-istess kawza.

"Ghaldaqstant in vista tas-suespost, u prevja kwalunkwe ordni u provediment li jidhrilha xierqa timponi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

"1. Tiddikjara li l-att ta' «*settlement of additional property in trust*» fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo datat 28 t'April 2005 gie konkluz bejn Andreas W. Gerdes u Equinox International Limited huwa vizzjat bi frodi a detriment ta' l-attrici *proprio et nomine* u konsegwentement null u bla effett fil-ligi;

"2. Tordna li jigi rexiss, annullat u risolut l-att ta' «*settlement of additional property in trust*» fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo datat 28 t'April 2005 gie konkluz bejn Andreas W. Gerdes u Equinox International Limited b'mod li l-fond *de quo* jigi reintegrat fil-patrimonju tal-konvenut Andreas W. Gerdes;

"3. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-kuntratt ta' rexissjoni ta' l-imsemmija zewg kuntratti fil-gurnata, hin u lok u kuraturi deputati ghar-rapprezentanza ta' l-eventwali kontumaci;

"4. U fi kwalunkwe kaz, l-istess konvenuti jigu dikjarati «in solidium» bejniethom responsabbli tad-danni sofferti mir-rikorrenti proprio et nomine, liema danni jkunu likwidabbli f'kawza ohra istitwenda appozitament.

"Bl-ispejjez kollha kontra ta' l-intimati li minn issa huma ngunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata ta' Equinox International Limited li in forza taghha eccepiet illi;

"1. Illi ma jezistux l-elementi mehtiega ghall-applikazzjoni ta' l-*actio pauliana* fil-konfront tas-socjeta' ntimata u, minghajr pregudizzju ghal din l-ewwel risposta, jispetta lir-rikorrenti *nomine* tipprova l-ezistenza ta' tali elementi;

"2. Illi r-redazzjoni tat-*trust deed* u l-holqien tal-Phoenix Trust saru mis-socjeta' ntimata bhala parti mill-kors

normali ta’ l-operat taghha bhala *trustee company* u t-*trust deed* (anness bhala Dok. D mar-rikors promotur) gie redatt skond il-ligi dwar il-holqien ta’ *trusts* fil-Kap. 331 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“3. Illi kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, anke jekk *semmai* jigu ppruvati mir-rikorrenti nomine, l-intenzjonijiet u l-agir frawdolenti ta’ l-intimat l-iehor, Andreas W. Gerdes fil-holqien tal-Phoenix Trust, Equinox International ma kenitx konsapevoli, u lanqas partecipi, f’dan l-agir jew intenzjonijiet ta’ l-intimat l-iehor Andreas W. Gerdes, u ghaldaqstant ma tistax tinstab responsabbli ghad-danni fil-konfront tar-rikorrenti *nomine* fi proceduri stitwiti appozitament ghal dan il-ghan;

“4. Illi fir-rigward ta’ l-ewwel tmien paragrafi tar-rikors promotur, is-socjeta’ ntimata ma ghandhiex xi tghid;

“5. Illi fir-rigward tad-disa’ paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta’ ntimata tikkonferma illi huwa minnu li gie kostitwit it-*trust deed* anness bhala Dok. D mar-rikors promutur, madankollu, s-socjeta’ ntimata tghid illi hi mhix mgharrfa dwar jekk il-Villa Margerita, li giet mghoddija *in trust* lis-socjeta’ ntimata permezz ta’ l-imsemmi Dok. ‘D’, hijiex l-unika proprjeta’ illi l-intimat l-iehor Andreas W. Gerdes ghandu f’Malta;

“6. Illi s-socjeta’ ntimata m’ghandhiex x’tirrispondi ghall-ghaxar paragrafu tar-rikors promotur stante illi l-fatti hemmhekk allegati huma fatti li allegatament kienu a konoxxenza ta’ l-intimat l-iehor Andreas W. Gerdes li ghalihom ghandu jirrispondi unikament hu stess. Jinghad *in oltre* illi l-laqghat li ghalihom kien prezenti, anke l-istess esponenti, hawn taht sottofirmat, kienu biss laqghat li ghalihom kien jattendi sabiex jintlahaq ftehim bonarju dwar il-kwistjoni tal-manteniment ta’ bejn Vossberg u Gerdes, liema laqghat gew mizmuma bil-bosta qabel l-iffirmar tat-*trust deed* in kwistjoni;

“7. Illi s-socjeta’ ntimata m’ghandhiex x’tirrispondi ghall-paragrafu numru hdax tar-rikors promotur stante illi dan jitratta ghal darb’ohra l-agir ta’ l-intimat l-iehor Andreas W.

Gerdes ghal liema agir ghandu *semmai* jirrispondi huwa stess;

"8. Illi fir-rigward tal-paragrafu numru tnax tar-rikors promotur, is-socjeta' ntimata ssostni li ma hemm ebda rregolarita' fit-*trust deed* anness bhala Dok. 'D' u tghid illi fit-*trust deed* ma saret ebda referenza ghall-valur tal-Villa Margerita – ghaldaqstant ma seta' kien hemm ebda disgwid fil-valur ta' l-istess villa kif allegat fl-imsemmi paragrafu;

"9. Fir-rigward tal-paragrafu tlettax tar-rikors promotur, is-socjeta' ntimata ssostni li ma hemm ebda rregolarita' fit-*trust deed* sempliciment ghaliex ma giex indikat illi l-partijiet Andreas W. Gerdes u Bettina Vossberg huma separati. Din id-deskrizzjoni ta' l-istat legali u fattwali tal-partijiet la kienet mehtiega u lanqas ser izzid xi valur ghall-istess att;

"10. Is-socjeta' ntimata ssostni illi huwa perfettament legittimu illi *trust* tigi mahluqa minghajr ebda korrispettiv u dan il-fatt m'ghandux jigi nterpretat sabiex b'xi mod tigi attribwita *mala fede* da parti tas-socjeta' ntimata kif jidher implikat bic-car fil-paragrafu erbatax tar-rikors promotur;

"11. Illi fir-rigward tal-paragrafu hmistax tar-rikors promotur jinghad illi l-villa in kwistjoni kienet proprjeta' biss ta' Andreas W. Gerdes u abbazi ta' tali verifika s-socjeta' ntimata pprocediet sabiex tohloq it-*trust* in kwistjoni. Is-socjeta' ntimata ma ghandha ebda relazzjoni jew obbligu fil-konfront ta' Bettina Vossberg u kwindi ma ghandu jigi attribwit lilha ebda nuqqas bl-eskluzjoni tar-rikorrenti min-negozjati dwar il-Villa Margerita;

"12. Is-socjeta' ntimata tikkonferma illi l-intimat l-iehor huwa kemm is-*settlor* kif ukoll il-beneficcjarju tat-*trust* in kwistjoni;

"13. Illi ghar-ragunijiet fuq esposti ma jezistux l-elementi ta' l-actio pauliana fil-konfront tas-socjeta' ntimata.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Mireille Pace Ross bhala mandatarju specjali ta’ Andreas W. Gerdes li in forza taghha eccepiet illi:
“1. Preliminarjament, illi l-attrici ma tistax tkompli tippromwovi dawn il-proceduri fl-istat attwali taghhom stante li hija residenti barra minn Malta u, ghalhekk, hija wkoll assenti minn Malta ai termini tal-ligi u;

“2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li mhux minnu dak li qed tallega l-attrici fir-rikors guramentat taghha u cioe’ li hija tinsab kreditrici tal-konvenut Andreas Gerdes f’xi somma ta’ flus;

“3. Illi la l-attrici ma ghandhiex kreditu kontra l-konvenut Andreas Gerdes  allura ma tissusistix il-bazi tal-azzjoni attrici ai termini tal-Artikolu 1144 tal-Kodici Civili;

“4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, kemm il-darba l-attrici pro et noe jirrizultalha xi kreditu kontra l-konvenut Andeas Gerdes, dan jista’ jkun ezegwit fuq bosta assi ohra li jappartjenu lilu, li whud minnhom jinsabu proprju fil-pajjiz fejn hija stess hi residenti;

“5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet kollha ta’ l-attur huma guridikament insostenibbli u nfondati fil-fatt u fid-dritt;

“6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Frar, 2009, li in forza taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Andereas Gerdes , laqghet l-ewwel tlett eccezzjonijiet tas-socjeta` Equinox International Ltd u cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa;  Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi din hija kawza sabiex jigi rexiss, annullat u risolut l-att ta’ «*settlement of additional property in trust*» fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo datat 28 t’April 2005, liema att gie konkluz bejn il-konvenut Andreas W. Gerdes u s-socjeta` konvenuta l-ohra Equinox International Limited

b'mod li l-fond Villa Margherita, Triq tas-Silg, limiti ta' Marsaxlokk tigi reintegrata fil-patrimonju tal-konvenut Andreas W. Gerdes.

"Illi l-attrici *proprio et nomine* istitwiet din l-azzjoni peress li skond hi l-imsemmi *settlement* sar biex il-konvenut Andreas W. Gerdes jisvesti ruhu mill-uniku assi li kellu hawn Malta sabiex hi ma tkunx tista' tesegwixxi l-krediti u pretensjonijiet li ghandha kontra l-istess konvenut.

"**<u>Kronologija tal-Fatti</u>**

"Illi permezz ta' kuntratt datat 21 ta' Novembru 1995 il-konvenut Andreas W. Gerdes xtara l-fond in kwistjoni.[1]

"Illi sussegwentement il-konvenut izzewweg lill-attrici fl-4 ta' Ottubru 1996.

"Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 22 ta' Awwissu 2002, l-attrici u l-konvenut isseparaw bonarjament fejn fost affarijiet ohra qablu fuq diversi klawsoli li jirrigwardaw il-manteniment ta' l-attrici u taz-zewgt itfal taghhom u spejjez ohra ancillari.[2]

"Illi permezz ta' skrittura privata datata 28 ta' Frar 2005 gie kostitwit il-Phoenix Trust fejn is-socjeta` konvenuta Equinox International Limited giet mahtura bhala *Original Trustee* u Andreas W. Gerdes kien is-*settlor* u l-*beneficiary* tal-istess *trust*.[3]

"Illi permezz ta' kuntratt  datat 28 ta' April 2005 il-konvenut ghamel *settlement of additional property* fl-imsemmi Phoenix Trust fejn allura gie inkluz il-fond in kwisjtoni.[4]

"Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 4 ta' Ottubru 2005 il-konvenut, allura  imputat, Andreas W. Gerdes gie misjub hati fuq akkuzi ta' nuqqas ta' somministrazzjoni ta' manteniment skond il-kuntratt ta'

---

[1] Dok A a fol. 9
[2] Dok B a fol. 12
[3] Dok A a fol. 187
[4] Dok D a fol. 22

separazzjoni u gie kkundannat ihallas is-somma ta' Lm15,600. Din is-sentenza tinsab fi stadju ta' appell.

"Illi permezz ta' *supplemental trust deed* datat 30 ta' Mejju 2005 it-*trustee*, u cioe Equinox International Limited, u s-*settlor*, u cioe' Andreas W. Gerdes, bidlu t-termini tal-*Original Trust Deed* fis-sens illi t-*trustee* inghata s-setgha u gie awtorizzat li jappunta beneficjarji addizzjonali fuq uhud jew is-*settlements* kollha.[5]

"**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

"<u>Gurisdizzjoni</u>

"Illi qabel din il-Qorti tidhol fil-mertu tal-kwistjoni sejra tindirizza l-eccezzjoni preliminari imqajjma mill-konvenut Andreas W. Gerdes u cioe' illi l-attrici ma tistax tkompli tippromwovi dawn il-proceduri fl-istat attwali taghhom stante li hija residenti barra minn Malta u ghalhekk hija wkoll assenti minn Malta ai termini tal-ligi. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu il-konvenut iccita EC Regulation 1374/2000 maghrufa bhala Brussels II.

"In sostenn tal-argument tieghu il-konvenut jiccita Artikolu 2 tal-istess EC Regulation illi jghid:

*"In matters relating to divorce, legal separation and marriage annulment, jurisdiction shall lie with the courts of the Member States in whose territory the spouses are habitually resident or the spouses were last habitually resident, insofar as one of them still resides there"* Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz odjern peress illi meta nbdew dawn il-proceduri l-attrici kienet residenti hawn Malta. U dan apparti l-fatt illi din hija kawza ghal rexissjoni ta' kuntratt li ghandu bhala oggett proprjeta` immobbli sitwata hawn Malta. Ghaldaqstant il-Qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni indipendentement mill-post tar-residenza ta' l-attrici ai termini tal-artikolu 742 (c) tal-Kap. 12.

---

[5] Dok B a fol. 197

“<u>Trust</u>

“Illi dina l-Qorti sejra issa tibda biex tanalizza in-natura tal-azzjoni tentata mill-attrici *proprio et nomine* fil-konfront tat-*trust* in kwistjoni. Illi s-socjeta` konvenuta Equinox International Limited eccepiet illi ma jezistux l-elementi mehtiega ghall-applikazzjoni ta’ l-azzjoni pauliana. Da parti tieghu il-konvenut Andreas W. Gerdes jeccepixxi wkoll illi skond hu l-attrici mhix kreditrici tieghu u ghaldaqstant ma tistax tissussisti l-azzjoni odjerna fil-konfront tieghu.

“<u>Kreditu</u>

“Illi l-attrici pprezentat prospett dettaljat ta’ skond hi x’inhu s’issa u x’se jkun fil-futur il-kreditu taghha kontra l-konvenut.[6] Il-bazi ta’ dan il-prospett huwa l-kuntratt ta’ separazzjoni ffirmat bejn l-attrici u l-konvenut u li abbazi tieghu l-attrici qieghdha tavvanza l-pretensjonijiet taghha. Illi fl-imsemmi kuntratt il-konvenut Gerdes kien assuma obbligazzjoni li jissomministra manteniment ghaz-zewgt itfal minuri u kif ukoll ghall-attrici, apparti obbligazzjonijiet ohra hemm imsemmija.

“Illi da parti tieghu il-konvenut jallega illi huwa ghamel depozitu taht l-Awtorita` ta’ din il-Qorti ta’ xi somom ta’ flus rapprezentanti manteniment, liema cedoli pero’ qatt ma gew esebiti fil-proceduri odjerni. Madankollu minn dak li xehdet l-attrici jirrizulta illi tali depoziti ma jkoprux il-pretensjonijiet attwali kollha taghha. Irrizulta wkoll mid-deposizzjoni ta’ l-istess konvenut illi tali somom depozitati ma gewx offerti lill-attrici qabel dawn gew depozitati.[7]

“Illi stabbiliti dawn il-fatti l-Qorti issa sejra tara jekk abbazi tal-pretensjonijiet attrici tistax l-istess attrici tattakka permezz tal-actio pauliana is-*settlement* maghmul mill-konvenut.

“<u>Actio Pauliana</u>

---

[6] Dok BV8 a fol. 124
[7] deposizzjoni ta’ Andreas W. Gerdes a fol. 355

"Illi kif gie ripetutament ribadit minn dawn il-Qrati fosthom **Emmanuel Calleja – vs – Carmelo Grima et**[8] *"din l-azzjoni hija moghtija lill-kredituri f'isimhom biex jattakkaw l-attijiet maghmula b'qerq mid-debituri taghhom bi hsara ghad-drittijiet taghhom. Hija akkordata biss lill-kredituri, u biex wiehed ikun kreditur, jehtieg li jkollu kreditu."* Illi ghalhekk f'dan il-punt tajjeb li tigi indirizzata l-kwistjoni jekk l-attrici *proprio et nomine* tinkwadrax ruhha fit-terminu ta' "kreditur" ai fini ta' din l-azzjoni.

"Illi kif intqal fis-sentenza **Marco Bongailas vs John Magri et**[9] *"il-kliem "kreditur" u "debitur" fl-artikolu 1144 huma kjarament termini generici wzati fis-sens l-aktar generali u wiesgha tal-kelma biex jikkomprendu kull min kien dahal f'xi obbligazzjoni hi x'inhi favur terzi. Hija biss rifless tal-principju bazilari tad-dritt li kull min jikkontratta ma' haddiehor kellu jezegwixxi l-obbligazzjoni tieghu fil-massima buona fede. Kif sewwa jenuncjaw il-guristi rumani pacta sunt servanda u fraus omnia corrumpit."*

"Illi jinghad ukoll illi ghalkemm kien hemm zmien meta dan ir-rimedju kien moghti biss lil min ikun titolari ta' kreditu pekunjarju, is-sentenza **Giuseppina Ciancio vs Michele Buontempo**[10] drastikament iddipartixxiet minn din id-duttrina, u tat dan ir-rimedju lil mara mizzewga li riedet timpunja att ta' zewgha. Fil-fatt l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **Emmanuel Calleja –vs- Carmelo Grima et** citata aktar 'il fuq, osservat li *"r-rimedju ta' l-applikazzjoni ta' l-azzjoni revokatoria ghandu jiftiehem moghti mhux biss lill-kredituri pekunjarji, imma wkoll lil kull haddiehor li, meta jkun titolari ta' dritt valutabbli pekunjarjament, isib ruhu defrawdat permezz ta' atti li jimpeduh, jekk ma jigux annullati, illi jara li jigu sodisfatti d-drittijiet tieghu."* L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Anna Bellia –vs- Victor Grech et**[11] osservat li din l-azzjoni hija *miftuha "ghal kull min ghandu azzjoni x'jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta' obbligazzjoni,*

[8] App. Civ. 10 ta' Jannar 1955, Vol XXXIX p.1 p.24
[9] App. Civ. 15 ta' Jannar 2002
[10] App. Civ. 20 ta' Novembru 1950, Vol XXXIV p.III p.851
[11] App. Civ. 16 ta' Ottubru 1999

*b'mod li jista' jisperixxi l-azzjoni, kull min jinsab pregudikat bil-fatt ta' haddiehor b'att kagunat mid-debitur."*

"Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza appena citata, u dak li nghad dwar il-kreditu ta' l-attrici aktar 'l fuq, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-attrici *proprio et nomine* tinkwadra ruhha bhala kreditrici tal-konvenut Andreas Gerdes.

"Att gratuwitu jew oneruz

"Illi stabbilit dan, il-Qorti sejra issa tiddetermina jekk is-*settlement* in kwistjoni kienx wiehed gratuwitu jew oneruz peress li dan jimpingi fuq l-elementi kostituttivi li jridu jigu ppruvati biex tirnexxi l-*actio pauliana.*

"Illi skond l-attrici is-*settlement* kien wiehed gratuwitu mentri skond il-konvenuti dan kien wiehed oneruz. Illi filwaqt li f'paragrafu numru 10 tar-risposta guramentata is-socjeta` konvenuta Equinox International Limited sostniet illi huwa perfettament legittimu illi *trust* tigi mahluqa minghajr ebda korrispettiv u li dan il-fatt m'ghandux jigi interpretat sabiex b'xi mod tigi attribwita mala fede da parti ta' l-istess socjeta` kif implikat l-attrici, fit-trattazzjoni orali emfasizzat illi l-istess *trust* ma kienx b'titolu gratuwitu.

"Illi ghaldaqstant il-Qorti sejra tara jekk mill-provi prodotti jirrizultawx l-elementi kostituttivi sabiex tirnexxi l-azzjoni pawljana intentata mill-attrici. Din l-azzjoni ghandha zewg rekwiziti essenzjali, u cioe' l-frodi u d-dannu.

*"Il-frodi f'din l-azzjoni hi element ta' sostanza u objettiv u tista' timmanifesta ruhha taht diversi aspetti. Tista' tkun diretta u tista' tkun indiretta jew oggettiva u l-piz tal-prova jinkombi fuq min jallega l-frodi u jintenta l-azzjoni revokatorja ghaliex il-frodi fil-kuntratti ma tistax tigi prezunta. Id-dannu jista' jkun u generalment ikun attwali u cert imma jista' jkun ukoll tali fl-evidenza u certezza juri l-perikolu tan-nuqqas ta' garanziji tal-kredituri. Id-dannu irid ikun idderiva direttament mill-att impunjat."*[12]

[12] **Carmelo Sciortino –vs- Carmelo** Vella, P.A. 27 ta' Gunju, 1961, Vol. XLV.II.700

"Illi m'hemmx dubju li l-attrici *proprio et nomine* sofriet dannu fis-sens illi bis-*settlement* in kwistjoni l-konvenut Gerdes spussessa ruhu mill-uniku assi immobbli ezistenti Malta[13]. Dan ikkawzalha pregudizzju fis-sens illi ma setghetx iktar tesegwixxi l-pretensjonijiet taghha fil-konfront tal-konvenut fuq proprjeta` li hu kellu hawn Malta.

"It-tieni element essenzjali ghas-success tal-*actio pauliana* huwa dak tal-*consilium fraudis.* Dan ir-rekwizit ikun sodisfatt bil-prova tax-xjenza li bl-att tad-debitur qed jigu ppregudikati d-drittijiet tal-kreditur. Mhux rikjesta l-prova tal-animus nocendi. *"L-element tal-consilium fraudis jikkonsisti fix-xjenza illi bl-att tkun qieghdha tigi determinata l-insolvenza jew imnaqqsa s-solvibilita` tad-debitur, u ma jirrikjedix l-intenzjoni li jigi defrawdat il-kreditu."*[14] Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **Camilleri vs Agius**[15] *"La frode pauliana diferisce notevolmente dal dolo, nel senso che non suppone come questo l'uso di manovre sleali. Non e` nemmeno necessario che il debitore abbia agito coll'intenzione di nuocere ai suoi creditori; basta che abbia avuto conoscenzo del pregudizio che cagionava loro".*

"Illi l-attrici qed tikkontendi li l-att li bih sar is-*settlement* kien wiehed gratwitu u ghalhekk skond hi trid tipprova biss frodi da parti tal-konvenut Andreas W.Gerdes.

"Min-naha l-ohra s-socjeta` konvenuta Equinox International Limited tinvoka favur it-tezi taghha l-artikolu 1144(3) tal-Kap. 16 u tghid li s-settllement kien wiehed oneruz u ghalhekk l-attrici trid tipprova li kien hemm qerq min-naha taz-zewg konvenuti.

"Issa bhala fatt jirrizulta mill-provi (ara nota' ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici u s-sottomissjonijiet orali tad-difensuri ta' l-attrici) li l-attrici mhiex qed timputa frodi da parti ta' Equinox anzi qed teskludiha esplicitament.

---

[13] ara ricerki a fol. 140
[14] Bugeja vs Terribile, PA 7 ta' Jannar 1936
[15] 23 ta' Novembru 1934

"L-attrici qed tissottometti li s-*settlement* kien wiehed gratuwitu ghax il-beneficarju tat-*trust* kien l-istess Gerdes u s-*settlement* sar *without consideration*. Tghid ukoll li l-fatt li t-*trustee* se jithallas tas-servizzi tieghu ma jaghmilx il-kuntratt oneruz.

"Equinox International Limited tirritjeni li hi ma kientx konsapevoli ta' l-intenzjonijiet ta' Gerdes u lanqas ma kienet partecipi f'tali agir tieghu. Tghid li Phoenix Trust hija forma ta' trust maghmula a beneficcju ta' l-istess Gerdes u li fiha Gerdes ghandu interess beneficjali. Hi ssostni li bil-kostituzzjoni tat-trust, Gerdes ma rrendiex ruhhu aktar insolvibbli jew anqas solvibbli.

"Illi skond l-artikolu 3(1) tal-Kap. 331 *Trust* tezisti meta persuna (imsejha *trustee*) izzomm, bhala sid jew ikollha vestita fiha proprjetà taht l-obbligu li tinnegozja dik il-proprjetà ghall-beneficcju ta' persuni (imsejha beneficjarji), kemm jekk ikunu jew ma jkunux ghadhom accertati jew jezistu, li ma jkunx biss ghall-beneficcju tat-*trustee*, jew ghal ghan ta' karità, jew kemm ghal dak il-beneficcju u dak l-ghan imsemmija hawn fuq.

"Illi skond l-artikolu 962 tal-Kodici Civili meta kull wahda mill-partijiet tintrabat ghall-esekuzzjoni ta' xi obbligazzjoni, il-kuntratt huwa b'titolu oneruz, filwaqt li meta wahda mill-partijiet taghti bla hlas xi utili lill-ohra, il-kuntratt huwa b'titolu gratuwitu.

"Illi skond Dr. Louis Degabriele, Direttur tas-socjeta` konvenuta, fil-kors tax-xhieda tieghu stqarr "*This was not a transfer of property. This was a settlement in trust. And a settlement in trust where the beneficiary is the settlor it is clearly a settlement of trust with no consideration clauses."*

"Illi f'dan il-kaz is-socjeta konvenuta Equinox assumiet l-obbligu li jzomm il-proprejta' in kwistjoni a beneficcju ta' konvenut Gerdes. Dan ittrasferixxa l-fond u assi ohra lit-trustee bl-obbligu li jhallasha ghas-servizzi li tipprestalu fil-kapacita' taghha ta' trustee u bhala korrispettiv Equinox intrabtet li tieghu hsieb il-proprejta' mqieghda fit-trust

bhala bonus pater familias a beneficcju tal-beneficjarji. Sa daqshekk ma jidhirx li formalment kien hemm xi haga fit-trust li tmur kontra l-ligi.

“Illi l-attrici qed tassumi li minhabba li sar dana s-settlement tal-proprejta’ in kwistjoni, allura t-trust hija illegali. F’dina l-kawza l-attrici qed ittentat tannulla dana t-trust permezz ta’ l-azzjoni pauliana izda fil-fehma tal-Qorti ma gewx pruvati l-elementi kollha rikjesti mill Ligi biex tigi ezercitata dina l-azzjoni kontra l-konvenuti. Taht dina l-azzjoni billi l-att kien wiehed oneruz l-attrici kellha tipprova li l-konvenuti Equinox kienu jafu li l-att li sar kien ta’ hsara ghall-kreditur. L-attrici setghet tattakka dan it-trust bhala illegali jew *sham* billi tipprova li kollox kien montatura u li l-partijiet ma kellhom ebda intenzjoni li tigi krejata trust u li t-trustee kien biss a “mere puppet dancing to the bidding of the settler”. (Willoughby’s Misplaced Trust –James Waldham 2nd Ed. p.15).”

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:
“… … … tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut Andreas Gerdes tirriforma l-istess sentenza in kwantu akkoljiet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` Equinox International Ltd u in kwantu cahdet it-talbiet tal-attrici, u minflok tirregetta l-eccezzjonijiet tal-kumpanija Equinox International Ltd u tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti in solidum.”

Rat ir-risposta u l-appell incidentali ta’ Mireille Pace Ross bhala mandatarja tal-konvenut Andreas W. Gerdes li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:
“… … … tirriforma s-sentenza fl-ismijiet Bettina Vossberg f’isimha personali kif ukoll f’isem uliedha minuri Maximilian u Alexander ahwa Vossberg vs Equinox International Limited u Dr Renzo Porsella Flores u l-PL Hilda Ellul Mercer nominati b’digriet tat-22 ta’ Marzu 2006 bhala kuraturi sabiex jirraprezentaw l-interessi ta’ Andreas W Gerdes (numru tal-passaport Germaniz bin-numri

5461011647) assenti minn Malta u b'digriet tal-4 ta' Mejju 2007 Mreille Pace Ross assumiet l-atti ghan-nom tal-konvenut Andreas W. Gerdes, citazzjoni numru 163/2006 deciza nhar is-27 ta' Frar 2009 u dan billi tirrespingi l-appell tal-attrici u tikkonferma l-imsemmija sentenza fejn din laqghet l-ewwel tlett eccezzjonijiet tas-socjeta` Equinox International Limited u, filwaqt li thassarha u tirrevokaha in kwantu cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-esponenti, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-istess esponenti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici."

Rat ir-risposta tal-attrici ghall-appell incidentali tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, eccepixxa n-nullita` tal-appell incidentali u, bla pregudizzju ghall-premess, li l-istess ghandu jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellata nomine;

Rat ir-risposta ta' Equinox International Ltd. li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet biex is-sentenza tal-ewwel Qorti tigi kkonfermata u l-appell michud, bl-ispejjez kontra l-istess appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-kwistjoni principali ta' din il-kawza hija jekk is-*settlement in trust* li ghamel il-konvenut Andreas W. Gerdes ta' "Villa Margerita," f'Tas-Silg, Marsaxlokk, kienx wiehed gratuwitu jew oneruz ghall-fini tat-twettiq tal-actio pauliana. L-attrici Bettina Vossberg hija mart l-imsemmi konvenut waqt li l-fond f'Marsaxlokk huwa proprjeta` parafernali tal-istess konvenut. Il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali tat-22 ta' Awwissu, 2002. L-attrici tallega li ghandha kreditu kontra zewgha f'arretrati ta' manteniment li ghad irid ihallas u danni ohra, li hi qed tirreklama f'kawza li ghadha pendenti quddiem il-Qorti Civili, Sezzjoni Familja. L-attrici tallega li bis-*settlement in trust* li ghamel zewgha, din il-proprjeta`

immobbli giet imnehhija mill-patrimonju tal-istess Andreas W. Gerdes, u peress li, skont hi, dan il-fond huwa l-uniku assi ta' certu valur li zewgha jippossjedi f'Malta, hija garrbet pregudizzju f'kaz li jkollha tesegwixxi l-kreditu li jigi kanonizzat favur taghha. Hi, ghalhekk, ressqet din l-actio pauliana biex is-*settlement in trust* li ghamel zewgha jigi dikjarat li ma jghoddx fil-konfront taghha. Jirrizulta li zewgha kien is-*settlor* u l-*beneficiary* tal-istess *trust*.

Wiehed mill-elementi tal-actio pauliana hija l-frodi tad-debitur, l-hekk imsejjah *consilium fraudis*, waqt li l-frodi tat-terz, il-*partecipatio fraudis*, trid tigi ppruvata biss f'kaz li l-att tad-debitur hu wiehed oneruz; jekk l-att hu gratuwitu, il-*bona fede* jew *mala fede* mhux rilevanti ghall-ezercizzju ta' din l-azzjoni – ara Artikolu 1144 tal-Kodici Civili.

L-ewwel Qorti, wara li ezaminat il-gurisprudenza in materja, accettat li l-attrici tinkwadra ruhha bhala kreditrici tal-konvenut u li, allura, tista' tipprocedi b'din l-azzjoni. Qalet, pero`, li s-*settlement in trust* kien wiehed oneruz u la darba l-istess attrici ma kienitx qed timputa *frode da parti* tat-terz (Equinox International Ltd.), ma tistax tirnexxi bl-azzjoni.

L-attrici appellat mis-sentenza u qed tghid li s-*settlement* li ghamel zewgha huwa wiehed kompletament u totalment ta' natura gratuwita.

Iz-zewg konvenuti, Equinox International Ltd, u Andreas W. Gerdes, jasserixxu l-korettezza tas-sentenza tal-ewwel Qorti u jinsistu li s-*settlement* li qed tipprova timpunja l-attrici sehh b'titolu oneruz.

Il-konvenut Andreas W. Gerdes ressaq ukoll appell incidentali kontra l-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti fejn cahditlu l-ewwel eccezzjoni tieghu. L-attrici wiegbet preliminarjament ghal dan l-appell incidentali billi eccepiet in-nullita` tieghu peress li tressaq fuori termine. Dan qed tghidu peress li, skont il-ligi, l-Artikolu 144(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, risposta ta' appell trid issir fi zmien 20 jum min-notifika lill-parti appellata tar-rikors tal-appell, u fit-termini tal-Artikolu 240 tal-istess

Kodici, appell incidentali ghandu jitressaq wara dikjarazzjoni f'dan is-sens fir-risposta tal-appell. L-argument tal-attrici hu illi la r-risposta giet prezentata tardivament, ghandha titqies nulla, u tant iehor null ghandu jitqies l-appell incidentali.

Bhala fatt, jirrizulta li l-konvenut gie notifikat bir-rikors tal-appell fil-21 ta' April, 2009, izda ipprezenta risposta u appell incidentali fl-14 ta' Mejju, 2009, cioe`, tlett ijiem wara li skada t-terminu.

Din il-Qorti, fil-kawza **C. Fino & Sons Ltd. et v. Buttigieg et**. deciza fit-30 ta' Lulju, 2010, kienet asseriet il-principju li risposta tal-appell ipprezentata wara l-20 jum koncess mil-ligi hija nulla u ghandha tigi sfilzata. Il-konsegwenza, allura, hi li l-appell incidentali, li ghall-validita` tieghu jrid risposta tal-appell valida, hija wkoll nulla, ghax la tigi sfilzata r-risposta tal-appell, ma fadalx appell incidentali fl-atti u ma jistax jigi kkonsidrat.

Kwindi, din il-Qorti qed tilqa' l-pregjudizzjevoli tal-attrici ghall-appell incidentali tal-konvenut Andreas W. Gerdes, u tiddikjara li mhux se tqis l-istess appell incidentali peress li hu null ghax prezentat *fuori termine*.

Trattat issa l-punt ta' dan l-appell, din il-Qorti tibda biex taghmel referenza ghall-osservazzjonijiet dottrinali li ressqet is-socjeta` Equirox International Ltd. in sostenn tat-tezi taghha li "*settlement in trust*" huwa att oneruz. Dik is-socjeta` konvenuta taghmel referenza ghall-kummentarju ta' E. Berti-Ribole u M. Ganado bl-isem "La legge di Malta sul trust – l'introduzione del trust nel diritto civile Maltese", u saret riferenza partikolari ghas-segwenti: "*Partando dal concetto di causa quale elementi imprescindibile per la validita` del contratto e per l'efficacia dell' obbligazione, il-legislatore identifica la causa del negozio di trasferimento al trustee nell' imposizione, assunzione o esecuzione da parte del trustee di obbligazzioni che sono legalmente eseguibili – "enforceable" – contro di lui. Poiche` il trust e` un negozio programmatico, in quanto la funzione del trustee e` gestire i beni a lui affidati osservando le regole stabilite e*

*le previsioni della legge regolatrice scelta, il legislatore deduce la causa contrattuale dall comportamento imposto al trustee. La conseguenza di una simile scelta e` la mancata richiesta di una somma quale corrispettivo del trasferimento dei beni al trustee senza pero` considerare il vincolo in trust un atto di donazione.*"

Saret ukoll referenza ghall-ktieb ta' Claxton John B., "Studies on the Quebec Law of Trusts", fejn jinghad hekk fuq in-natura ta' trust.

"*An onerous contract is perhaps the principal means that will be employed for the establishment of a trust, apart from a will. (In an inter vivos trust the transfer to the trustee is usually an onerous contract). Contracts are defined as onerous 'when each party obtains an advantage in return for his obligation (1381). The article goes on to state that onerous contracts are those that are in contrast to those that are gratuitous – 'where one party obliges himself to the other for the benefit of the latter without obtaining any advantage in return'. The concept addresses the economic aspects of the contract. Under an onerous contract the parties will normally be the settlor and the trustee. The advantage to the settlor will be his desire to see the fulfilment of the object of the trust. The advantage to the trustee is his interest in fulfilling those objects, and in some cases the remuneration he receives for doing so. In commercial trusts and investment trusts the contract will also afford an advantage to the beneficiary who may not be a party to the contract.*

…

"*If a trust company is to be the trustee, the contract is simply an onerous contract within the objects of the trust company and in the normal course of its business. The reference in article 1267 to the words 'a personal trust is constituted gratuitously' must be intended to refer to a trust constituted by a bilateral contract between the settlor and the trustee providing a gratuitous benefit to a third person beneficiary.*

…

"*Brierly observes that the settlor can be a beneficiary – at least in some circumstances. He suggests that where the settlor has constituted a trust for his sole benefit it should be characterized as an onerous private trust, as a gratuitous trust would, to be valid, require a break with traditional civil law that may prove unacceptable If for any reason an inter vivos personal trust providing a gratuitous benefit is assimilated to a gift, it would be affected by the principle that a person cannot make a gift for his own benefit.*"

Din il-Qorti ma tiddubitax il-premess, pero`, ma taqbilx mal-konkluzjoni li gibdet is-socjeta` fis-sens li "*it-tqeghid ta' proprjeta` fi trust huwa konsidrat bhala att ta' natura oneruz u mhux att gratuwitu*".

Il-holqien ta' *trust*, bejn is-*settlor* u t-*trustee*, (f'dan il-kaz il-Phoenix Trust mahluq fit-28 ta' Frar, 2005) huwa kuntratt oneruz, peress li s-*settlor* jidhol fi ftehim mat-*trustee* kif dan jamministra l-proprjeta` li jitqieghed *on trust* u lil min jghaddi l-beneficcju u kif, tal-ewwel, ukoll, jobbliga ruhu li jhallas lit-*trustee* ghas-servizzi prestati. Bis-sahha tal-"*establishment of a trust*", kemm is-*settlor* kif ukoll it-*trustee* jintrabtu sabiex jezegwixxu xi obbligazzjonijiet.

Mhux l-istess jista' jinghad, pero`, ghas-*settlement in trust* tal-proprjeta` li sehhet ukoll fit-28 ta' April, 2005. Din giet moghtija jew ghaddiet lit-*trustee* b'mod gratuwitu, u ma thallas ebda korrispettiv. L-istess direttur tas-socjeta` *trustee* qal li s-*settlement of trust* sar "*with no consideration clauses*". Il-ftehim bejn is-*settlor* u t-*trustee* huwa ftehim oneruz b'obbligazzjonijiet imposti b'mod reciproku, pero`, it-tqeghid tal-proprjeta` fi *trust*, biex din tigi amministrata a bazi tal-ftehim ta' *trust* bejn is-*settlor* u t-*trustee*, sar b'mod gratuwitu. It-tqeghid tal-proprjeta` *in trust* iwassal ghal trasferiment tat-titolu fuq l-istess proprjeta`, u dan isir b'mod gratuwitu.

Fil-ktieb "*To Trust or Not to Trust*", mahrug ricentiment mill-Avukat Dr. Paula Vella Sciriha, gie osservat li s-*settlement in trust* hu, minn xi awturi, mqabbel ma'

donazzjoni jew legat, ghalkemm hemm xi differenzi. Tirrimarka hekk f'pagna 89 tal-ktieb:

"*According to LePaulle, donation or legacy with a charge are other civilian concepts which offer third-party management. Thus the donee or legatee is bound by the condition or charge under which he may be required to manage the property for the benefit of a third party. This technique is similar to a trust in that it applies to both transfers inter vivos and causa mortis and to both real and personal property. Furthermore, whereas in the case of a trust, title passes to a trustee, in the case of donation or legacy with a charge, title passes to the donee or the legatee. In both cases, a transfer can be made in favour of undetermined beneficiaries or beneficiaries not in being at the time of transfer; also, in both cases, the beneficial interest may be disposed of by the beneficiary.*

*"Nevertheless, it still cannot be said that a donation or legacy with a charge is the civil law equivalent of the trust; certain differences between the two institutes must be identified. In fact a donation or legacy with a charge can be revoked by the donor or his heirs for non-performance, thus eliminating the beneficiary; and no fiduciary relation exists between the beneficiary and the holder of the property. On the other hand the trustee is burdened with many duties, which are imposed upon him by law (unlike the civil law donee).*"

Din it-tixbieha tkompli tikkonferma l-element gratuwitu tas-*settlement in trust*. Il-fatt li fl-Istati Uniti tal-Amerika, *settlor* hu msejjah ukoll bhala "*donor*" huwa wkoll indikattiv.

Bit-tieni kuntratt tat-28 ta' April, 2005, il-konvenut Andreas W. Gerdes, fil-kwalita` tieghu ta' *settlor*, iddispona mill-proprjeta` li ghandu f'Marsaxlokk, u dan billi ttrasferixxa, jew ahjar, ikkostitwixxa *settlement in trust* tal-istess fond lis-socjeta` konvenuta Equinox International Ltd., u dan it-trasferiment sar bla ebda korrispettiv. Huwa l-arrangament dwar l-amministrazzjoni ta' dik il-proprjeta` li holoq obbligazzjonijiet reciproci bejn iz-zewg konvenuti,

izda t-trasferiment innifsu ossija *settlement* li qed timpunja l-attrici sar b’mod gratuwitu.

F’artikolu li kiteb il-Professur John H. Langbein (Professur fil-ligi, Universita` ta’ Yale, Stati Uniti tal-Amerika) titolat “The Secret Life of the Trust: The Trust as an Instrument of Commerce”, apparti li jghid li *trust* huwa meqjus “essentially a gift”, jaqsam ukoll il-holqien ta’ trust f’zewg sitwazzjonijiet. Hu jghid hekk fuq il-materja:
“*I have elsewhere made the point that even in the law of donative transfers the trust functions as a deal, in the sense that what trust law does is to enforce the trustee’s promise to the settlor to carry out the terms of the donative transfer. Thus, although the typical trust implements a donative transfer, it embodies a contract-like relationship in the underlying deal between the settlor and the trustee about how the trustee will manage the trust assets and distribute them to the trust beneficiaries. The difference between a trust and a third-party beneficiary contract is largely a lawyers’ conceptualism.*”
(sottolinear ta’ din il-Qorti).

Huwa dak it-trasferiment gratuwitu li l-attrici qed tattakka b’din il-kawza, u mhux l-“*underlying deal*”, u dak it-trasferiment, kwindi, hu soggett ghall-azzjoni in meritu minghajr htiega li tigi murija mala fede da parti tat-*trustee*.

L-artikolu 3 tal-Att dwar *Trusts* u *Trustees* (Kap. 331 tal-Ligijiet ta’ Malta), jghid li *trust* “tezisti” meta persuna (imsejjha *trustee*) zzomm proprjeta` a beneficcju tal-beneficcjari, pero`, din it-tifsira ma tispjegax kif jinholoq *trust* u n-natura tat-trasferiment tal-proprjeta` li ssir; kwindi, ebda riliev ma jsita’ jittiehed minn din it-tifsira.

In vista ta’ dan, ghall-ezercizzju b’success ta’ din l-azzjoni da parti tal-attrici, il-*partecipatio fraudis* da parti tas-socjeta` Equinox International Ltd. mhux element tal-azzjoni u mhux mehtieg li jigi provat.

Ghar-rigward tal-elementi l-ohra ta’ din l-azzjoni, l-ewwel Qorti sabet illi l-attrici tinkwadra ruhha bhala kreditrici tal-konvenut Andreas W. Gerdes, u li l-istess attrici sofriet

dannu fis-sens illi bis-*settlement* in kwistjoni l-konvenut Gerdes spussessa ruhu mill-uniku assi immobbli ezistenti Malta. Kontra dawn id-decide ma tressaq ebda appell validu mill-konvenuti, u kwindi huma decizjonijiet li jorbtu lill-partijiet u lil din il-Qorti. Dwar id-“dannu”, jista’ jinghad li l-Artikolu 1144 tal-Kodici Civili jghid li d-debitur jista’ jehles mill-azzjoni billi jecepixxi l-beneficcju tal-eskussjoni, u dan billi, a tenur tal-Artikolu 795 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, jipprezenta “lista li jkun fiha migjuba haga b’haga l-beni li jkollha f’Malta l-parti li taghha tintalab l-eskussjoni, u li jkunu bizzejjed ghall-hlas tal-kreditu tal-attur”. Fi kliem iehor, kien il-konvenut li kellu juri li ghandu f’Malta bizzejjed proprjeta` biex jaghmel tajjeb ghall-pretensjoni attrici. Dan il-konvenut ma ghamlux; indika li ghandu assi l-Germanja, pero`, lista ta’ assi ohra f’Malta, kif irid l-Artikolu 795 imsemmi, ma ressaqx.

Kwindi jirrizulta li l-attrici tissodisfa l-kriterji biex tikkwalifika ruhha bhala kreditrici ghall-fini tal-actio pauliana, jirrizulta l-*eventus damni* u jirrizulta wkoll il-*consiluim fraudis* da parti tad-debitur meta dan iddispona mill-unika assi li kellu Malta (u dan anke ghax id-debitur/konvenut ma pprovax mod iehor) u b’hekk wassal ghal insolvenza tieghu bi pregjudizzju tal-interessi tal-attrici.

Ghar-rigward tat-talba ghad-danni – oltre ir-revoka tal-att ta’ “*settlement of additional property in trust*” – l-attrici, fl-udjenza tat-3 ta’ Lulju, 2012, irrinunzjat ghat-talba fil-konfront tas-socjeta` Equinox International Ltd., fil-waqt li fil-konfront tal-konvenut Gerdes, din il-Qorti tara li jkun prematur li f’dan l-istadju tiddeciedi fir-rigward, ghax wara kollox hi talba li tipprexxindi mill-meritu ta’ din il-kawza immirata ghat-thassir tal-effetti ta’ att maghmul bi hsara tal-pretensjonijiet attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali tal-attrici billi tilqa’ l-istess u tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha in kwantu cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Andreas W. Gerdes, tirrevokaha fejn laqghet l-ewwel tlett ecezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Equinox International Ltd, u in

kwantu cahdet it-talbiet attrici, u minflok tghaddi biex tichad l-eccezzjonijiet kollha taz-zewg konvenuti u tilqa' l-ewwel tlett talbiet attrici kif dedotti (b'dan li r-referenza fit-tielet talba ghaz-"zewg kuntratti" ghandha tkun ghall-kuntratt ta' "*settlement in trust*" tat-28 ta' April, 2005), u, ghall-fini tat-tielet talba tahtar lin-Nutar Dottor Marco Burlo` biex jippubblika l-att relattiv fil-gurnata, hin u lok li jistabilixxi l-istess Nutar wara li javza lill-Qorti, u tahtar lill-Avukat Dottor Anthony Cutajar sabiex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba attrici, b'riserva li din tigi proposta b'kawza *ad hoc si et quatenus*, u tiddikjara bhala null u invalidu l-appell incidentali tal-konvenut Andreas W. Gerdes u b'hekk ma hijiex se tiehu konjizzjoni tal-istess.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, u dawk marbuta mal-kuntratt ta' rexissjoni, jithallsu mill-konvenut Andreas W. Gerdes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------